# Tektik ... u Għana

Rena Balzan

Ilsna jtektku ...
u jtektku ...
f'ċirku magħluq
t'ossessjoni
u frustrazzjoni,
u fuq kollox
tiegħi
magħhom ...
daqshom ...
jew aktar.
X'toqol ta' moħħ
mimli daqs bajda
b'tektik ... tektik
t'ilsna
li forsi jwasslu ...
jew ma jwasslu 'l ħadd
imkien.

U f'daqqa waħda
minn ġo balluta xiħa
kbira ... u mqita

l-għana t'elf għasfur ...
ħlejju ... mal-għabex bikri
ta' filgħaxija;
ħlejju ... fi ftuħ
li jtuq u jtaffi
t-toqol ta' moħħ ...
ta' ruħ ... issa mifdija
merħija bħal f'seħer
ġo ħoġor in-natura
ħielsa — f'tgħanniqa
għammiela
dejjiema
ma' nisel il-ħolqien